MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 18/2007

**Francis Caruana (Gozo) Limited – C 24855**

**-vs-**

**Louis Zammit**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha s-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` mija u wiehed liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm101.25c) ekwivalenti ghal mitejn u hamsa u tletin Euro u hamsa u tmenin centezmu (€235.85) u dan billi ppremettew illi l-konvenut xtara diversi travi tal-injam minghand is-socjeta` attrici. Illi hija dovuta lis-socjeta` attrici s-somma ta` mija u wiehed liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm101.25c) bi hlas ghal dawn it-travi. Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa` ma sarx. Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallas sew dan l-ammont kif

ukoll l-imghax mid-data ta` kull konsenja sad-data ta` hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjez ta` dawn il-proceduri, dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta` Dicembru 2006 u ittra ufficjali spedita fit-30 ta` Jannar 2007.

Ra r-risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-eccipjenti m'ghandu jaghti xejn lill-attur. Illi kien l-attur li kkonsenja t-travu difettuz li wara li twahhal fil-post dan kellhu jerga` jinqala` fuq ordni tal-perit li kien qed jiehu hsieb x-xogholijiet strutturali li kienu qieghdin isiru f'fond fi Triq Bullara, Xaghra Ghawdex bil-konsegwenza li l-eccipjenti kellhu jixtri travu gdid u jindahal fi spejjez zejda biex qala u wahhal mill-gdid dan it-travu li kien difettuz u ta` dawn l-ispejjez qed jitlob rimbors minghand l-attur permezz tal-kontro-talba tieghu. Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ra l-kontro-talba tal-konvenut li biha talab li s-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas is-somma ta` mitt lira Maltin (Lm100) ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) u dan peress illi l-attur biegh u kkonsenja lill-konvenut numru ta` travi biex jitwahhlu fis-saqaf tal-fond fi Triq Bullara, Xaghra Ghawdex li wiehed minnhom irrizulta meta twahhal fil-post, li kien difettuz, bil-konsegwenza li l-konvenut kellhu jaqilghu u jbiddlu ma iehor gdid u biex ghamel dan dahal ukoll fi spejjez zejda biex xtara travu iehor u ghax-xoghol li dahal fih biex nehha t-travu difettuz u ghamel iehor gdid minn floku, liema spejjez jammontaw ghal mitt lira Maltin (Lm100) li taghhom il-konvenut qed izomm responsabbli lill-attur u qed jitlob lill-konvenut jigi kkundannat ihallsu din is-somma.

Ra r-risposta ghall-kontro-talba li biha s-socjeta` attrici wiegbet illi

1. Preliminarjament il-kontro-talba odjerna tal-konvenut hija improponibbli peress li din saret ferm wara d-dekors ta` tmintax-il jum mid-data meta huwa gie notifikat bl-avviz tas-socjeta` attrici.

2. Illi fil-mertu t-talba maghmula fil-kontro-talba hija nfondata fid-dritt u fil-fatt u dan peress illi mhux minnhu li

kien hemm xi travu kkonsenjat mill-esponenti lill-konvenut li kien difettuz.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont mitlub mill-konvenut huwa ezagerat.

Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Sema` x-xhieda ta` Louis Zammit, il-Perit Nicholas Samut-Tagliaferro, Romeo Camilleri, Raymond Caruana, Mario Caruana u Agnes Caruana.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Simone Grech ghas-socjeta` attrici u Dr Samuel Azzopardi ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi fl-ewwel lok, dwar l-eccezzjoni preliminari jirrizulta illi l-konvenut gie notifikat fit-12 ta` Mejju 2007 u li r-risposta saret fis-6 ta` Lulju 2007, jigifieri ferm oltre it-tmintax-il gurnata izda t-Tribunal ma jidhirlux li dan jimporta mieghu xi nullita. Il-proceduri quddiem dan it-Tribunal ghandhom ikunu proceduri flessibli u bbazati fuq principji ta` ekwita u tal-gustizzja naturali, liema principji li jgibu maghhom li kemm jista` jkun dan it-Tribunal ma ghandux joqghod jintilef fuq proceduri zejda u jipprova jidhol dritt ghas-sustanza tal-vertenza specjalment meta dan ma jkunx ta` pregudizzju ghad-difiza ta` xi wiehed jew wahda mill-partijiet.

Illi ghalhekk l-eccezzjoni preliminari qieghda tigi michuda.

Illi fil-mertu jirrizulta provat illi fil-5 ta` Awwissu 2006 il-konvenut xtara erba` travi ta` tmin pulzieri b'ghaxar pulzieri b'sittax il-pied minghand is-socjeta` attrici versu l-prezz ta` mija u sebghin lira Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm170.86c) jigifieri tnejn u erbghin lira Maltin u

wiehed u sebghin centezmu hames millezmi (Lm42.71c5) kull travu.

Meta xtara dan it-travi kien hu personalment li mar fil-*warehouses* tas-socjeta` attrici u bl-ghajnuna ta` wiehed mill-lavranti huwa ghazel l-istess travi. Huwa hallas ghal dan it-travi.

Sussegwentement fl-4 ta` Dicembru 2006 il-konvenut xtara tlett travi ohra ta` 8 pulzieri x 10 pulzieri x 13 piedi u 4 pulzieri versu l-prezz komplessiv ta` mija u wiehed liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm101.25c) izda huwa ma hallasx ghal dawn it-tlett travi ghaliex huwa qed isostni illi fil-konsenja precedenti wiehed mit-travi kien difettuz u li minhabba f'hekk huwa inkorra spejjez addizjonali u b'rizultat ta` dan huwa anke pprezenta kontro-talba.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess jidher car illi t-talba attrici relattivament ghall-prezz tal-bejgh ta` tlett travi li nxtraw f'Dicembru 2006 hija gustifikata u jonqos biex jigi ezaminat biss jekk il-kontro-talba tal-konvenut hijiex provata u gustifikata.

Il-konvenut isostni illi huwa biddel it-travu in kwistjoni ghaliex kien talbu biex jaghmel hekk il-Perit Samut-Tagliaferro. Il-Perit Samut-Tagliaferro ezebixxa rapport li jgib id-data tas-27 ta` Jannar 2007 u fix-xhieda tieghu afferma illi huwa hareg ir-rapport abbazi ta` access li huwa ghamel dakinhar stess u ghalkemm kien mar diversi drabi fuq il-post waqt l-andament tax-xoghol huwa zied ighid illi l-ewwel darba li nnota li dan it-travu kien difettuz kien f'Jannar 2007.

Mill-banda l-ohra l-konvenut xtara t-tlett travi mertu tal-kawza fl-4 ta` Dicembru 2006 u jsostni wkoll illi huwa kien gia lmenta mas-socjeta` attrici dwar dan it-travu difettuz u fil-fatt meta xtara dawn l-ahhar tlett travi ma hallashomx appositament minhabba dan it-travu difettuz. Hemm kontradizzjoni serja ma dak li jafferma l-konvenuta meta jghid illi huwa biddel it-travu fuq struzzjonijiet tal-Perit meta fil-fatt il-Perit induna b'dan it-travu difettuz f'Jannar

2007 u li fil-fatt sa minn Dicembru 2006 il-konvenut kien gia jaf li kien hemm problema b'dan it-travu.

Nonostante dan il-konflitt pero` it-Tribunal huwa konvint illi verament kien hemm travu difettuz u li ghalkemm il-konvenut kellhu s-suspetti tieghu dwar dan it-travu, stenna il-konferma tal-Perit biex ikun cert li dan irid jinbidel.

Jirrizulta provat ukoll illi meta jinxtara travu, dan ikollu bzonn certu xoghol ta` tindif u brix u jekk ikun hemm xi difett f'dan it-travu waqt tali xoghol dan id-difett johrog. Ix-xoghol in kwistjoni fuq il-bini kien sar ftit wara Awwissu 2006 u dan kien biss f'Dicembru li l-konvenut ilmenta dwar dan mas-socjeta` attrici u fil-fatt it-Tribunal huwa konvint illi l-ewwel darba li l-konvenut ilment maghhom kien wara li xtara t-tlett travi huwa hu hiereg mill-istabbiliment tas-socjeta` attrici u kien qed jitkellem mad-direttur tal-istess stabbiliment Mario Caruana. Dakinhar il-konvenut semmgha li t-travu difettuz kien tal-pied u meta d-diretturi Caruana ivverifikaw mar-records taghhom sabu illi l-konvenut qatt ma kien xtara travu tal-pied minn ghandhom. Jista` jkun pero` illi dak-il hin il-konvenut ha zball fil-kejl tat-travu, pero` xorta jibqa` l-fatt illi minn dak il-mument 'il quddiem ma sar l-ebda tentattivi da parti tas-socjeta` attrici biex tivverifika l-ilment tal-konvenut.

It-Tribunal huwa konvint li verament kien hemm problema b'dan it-travu izda huwa jidhirlu illi fil-fatt li kien gara kien illi meta l-konvenut kien xtara t-travu u naddfu huwa messu nduna li hemm problema f'dan it-travu u messu tkellem dwar dan minnufih qabel ma wahhlu fuq il-post. Il-fatt li ma ndunax bix-xaqq fit-travu, ifisser illi huwa kien negligenti qabel ma ezamina l-materjal li kien qed jipprovdi fuq struzzjonijiet ta` klijent u bhala tali ghandu jerfa` parti mir-responsabbilta ghall-akkadut.

F'din il-kawza l-konvenut qieghed jitlob is-somma ta` mitt lira Maltin (Lm100) li jikkomprendi fih l-ispiza tal-imsemmi travu u *labour*. Dawn iz-zewg affarijiet bejniethom fil-fatt jitilghu ghal aktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda l-kontro-talba hija limitata ghal mitt lira Maltin (Lm100) u dan it-Tribunal ma jistghax imur oltre dan.

B'dana kollu pero` t-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta` attrici m'ghandiex tigi tenuta taghmel tajjeb ghal *labour element* inkors mill-konvenut sabiex jaqla` t-travu difettuz u jpoggi iehor gdid izda ghandha taghmel tajjeb biss ghal valur tat-travu difettuz pero` ghandu jittiehed kont tal-fatt illi t-travu difettuz ma giex ritornat lis-socjeta` attrici u nzamm mill-konvenut u bhala tali huwa probabbli li kellhu certu valur anke fl-istat li kien u konsegwentement mill-valur ta` tnejn u erbghin lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu hames millezmi (Lm42.71c5), it-Tribunal huwa tal-fehma illi dl-konvenut ghandu bss dritt ghan-nofs u cjoe LM 21.36 u konsegwentement mill-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ghandu jkun hemm riduzzjoni ta`dan l-ammont biex jigi bilanc ta` LM79.89 li huma ekwivalenti ghal €186.09.

Dan kollu ghandu jkollu rifless fuq il-kap tal-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` €298.09 bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez tal-kawza ghandhom ikunu kwantu ghal 4/5 ghall-konvenut u 1/5 ghas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------